MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 60/2008/1

**Mario Borg**

**v.**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1. Dan huwa appell ta' indole Kostituzzjonali u Konvenzjonali ad istanza tar-rikorrent Mario Borg minn

decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' April 2009 fil-kawza fl-ismijiet premessi.

1.2. Ir-rikorrenti Mario Borg talab li gej fir-rikors promotorju tieghu:
"1. Li l-applikabbilita` retroattiva tal-emenda fil-Kodici Kriminali ossia l-Artikolu 636 (3) tilledilu d-dritt fundamentali tieghu kif sancit taht l-Artikolu 6(1) u 7 tal-Konvenzjoni Europeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

"2. Tordna li dan il-provvediment tal-ligi m'ghandux jigi applikabbli ghall-kaz odjern.

"3. Finalment, taghti kwalsiasi provvediment ulterjuri necessarju li jidhrilha opportun sabiex jigu salvagwardati d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-esponent."

1.3. Is-sentenza mertu ta' dan l-appell iddisponiet mir-rikors ta' Mario Borg billi cahdet it-talbiet kollha tieghu, bl-ispejjez.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, din il-Qorti qeghda tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata li fiha gie ritenut u deciz kif gej:
"Il-Qorti:

"Rat ir-rikors ipprezentat minn Mario Borg li in forza tieghu wara li ppremetta illi:

"Ir-rikorrent tressaq il-Qorti fis-sena elfejn u tlieta (2003) akkuzat b'reati in konessjoni ma` l-ispacc tad-droga eroina ghall-perjodu ta' bejn Frar u l-hmistax (15) ta' April, ta' l-elfejn u tlieta (2003).

"Fil-hdax (11) ta' Settembru, wara d-debita kumpilazzjoni, l-Avukat Generali pprezenta l-Att ta' Akkuza Nru. 13 tas-sena elfejn u sitta (2006) u akkuza lir-rikorrent bis-segwenti akkuzi; talli importa d-droga eroina, talli assocja ruhu ma` persuni ohra f`Malta u ma` persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jittraffika d-droga eroina u talli kellu l-pussess ta' l-istess.

“Pendenti l-Istruttorja, u sakemm giet pprezentata l-Att ta’ l-Akkuza, meta l-unika xiehda ta’ relevanza kienet dik ta’ komplici, din ma setghetx titqies wehidha, imma kien hemm bzonn ta’ prova ohra indipendenti biex tikkorrabora dik ix-xiehda.

“Fit-tlieta (3) ta’ Ottubru, elfejn u sitta (2006), dahlet *in vigore* l-emenda fil-ligi ossia l-artiklu 639(3) tal-Kodici Kriminali, bl-Att XVI ta’ l-elfejn u sitta (2006) fejn il-korroborazzjoni fuq imsemmija, ma baqghetx aktar necessarja.

“Naturalment dan kollu ippregudika bil-kbir lill-esponent, ghaliex l-istess esponent anke waqt il-kumpilazzjoni u sa meta huwa pprezenta l-eccezzjonijiet tieghu fil-guri kien qieghed jistrada d-difiza tieghu fuq il-pozizzjoni legali vigenti f`dak iz-zmien u ossia li x-xhud principali imressaq mill-prosekuzzjoni kellha tigi kkorroborata u bl-ebda mod ragonevoli ma kien previst li ser titbiddel il-pozizzjoni legali.

“In effetti minn ezami tal-process relattiv jirrizulta li in essenza x-xiehda tax-xhud imsemmija setghet kienet l-uniku prova relevanti fil-kaz.

“Ghalkemm huwa palezi li l-principju ta’ non retroattivita` mhux dejjem japplika f`emendi procedurali l-emenda imsemmija kellha effett fis-sustanza tal-process ghaliex irregolat b’liema mod il-gurati kellhom japprezzaw il-provi u ppregudikat il-mod ta’ kif l-istess esponent kien qed jikkonduci sa mill-bidu id-difiza tieghu.

“Ta’ min jaghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta’ Malta vs Mahmoud Ali Amber (Dec. 28 ta’ Gunju, 2007).***

“F’din is-sentenza ghalkemm il-Qorti deherilha li din l-emenda kienet ta’ natura procedurali, irrimarkat f`dan is-sens:

“*“... meta gie celebrat il-guri kien ghadu vigenti is-subartikolu tlieta (3) ta’ l-artikolu 639 kif kien qabel gie*

*sostitwit fl-elfejn u sitta (2006). Ghalhekk is-sitwazzjoni ghall-finijiet ta' dan l-appell, gie kristallizzat meta nghata l-verdett mill-gurati skond il-ligi u taht ir-regim allura vigenti. Din il-Qorti hi tal-fehma illi li kieku f`dawn ic-cirkostanzi kellha tiehu in konsiderazzjoni it-tibdil li sar fil-ligi, tista` tkun qed tippregudika l-jedd ta' l-appellant ghal smigh xieraq in kwantu is-sottomissjonijiet u l-argumenti allura maghmula kienu imfassla fid-dawl tal-ligi kif kienet dakinhar. Dan il-jedd hu protett kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni u d-Drittijiet tal-Bniedem".*

"B'analogija, ghandu jinghad ukoll li bl-istess mod din l-emenda ippregudikat id-dritt tas-smiegh xieraq ta' l-esponent.

"Ghalhekk jidher car li meta l-artiklu 639(3) tal-Kodici Kriminali skond id-direzzjoni ta' l-Imhallef tal-guri gie rez applikabbli retroattivament, illeda d-drittijiet fundamentali ta' l-esponent ghad-dritt ta' smigh xieraq kif kontemplat fl-artiklu 39(1), (8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 6(1) u l-artiklu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni u d-Drittijiet tal-Bniedem.

"Minhabba fil-premess ir-rikorrent, qajjem riferenza Kostituzzjonali a tenur ta' l-artiklu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

"Din ir-riferenza b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ta' l-20 ta' Novembru, 2008, kienet dikjarata bhala wahda vessatorja ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u konsegwentement giet michuda.

"Il-Qorti Kriminali irregettat ir-riferenza Kostituzzjonali minhabba s-segwenti ragunijiet principali.

"Il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ghamlet riferenza ghall-verbal tad-difiza ta' l-erbatax (14) ta' Jannar, elfejn u tmienja (2008) fejn id-difiza ddikjarat li qed taqbel li l-pozizzjoni legali applikabbli ghall-kaz kienet l-emenda kontenuta fl-artiklu 636(3) tal-Kodici Kriminali.

"B'hekk qalet li b'dan il-fatt, ir-rikorrent kien ikkomprometta l-pozizzjoni legali tieghu.

"Ir-rikorrent ma jaqbilx u jemfasizza li ma setax jaghmel mod iehor ghaliex dik kienet il-pozizzjoni legali mill-aspett tad-dritt penali. Ir-rizervi tieghu naturalment jemergu solament minn indoli ta' natura purament Kostituzzjonali li jesorbitaw il-kompetenza tal-Qorti Kriminali.

"Il-Qorti Kriminali rrimarkat ukoll li l-lanjanza Kostituzzjonali ta' l-esponent tistona mal-fatt li wiehed mill-aggravji tieghu fir-rikors ta' l-appell huwa appuntu li l-Imhallef li ppresjeda l-guri naqas milli jottempora ruhu mas-subartikolu tlieta (3) kif emendat ta' l-artiklu 639.

"Bid-dovut rispett din il-konsiderazzjoni ma tregix peress li fir-rikors ta' l-appell l-esponent illimita ruhu ghall-aggravji ta' natura purament penali, ben konxju li dik il-Qorti ma kellhiex il-kompetenza tissindika aggravji ta' natura Kostituzzjonali.

"Il-Qorti Kriminali rrimarkat negattivament fuq it-trapass taz-zmien mid-data tal-verdett tas-sittax (16) ta' Jannar, elfejn u tmienja (2008) u r-riferenza Kostituzzjonali li saret.

"Anke hawn il-Qorti ta' l-Appell kienet erronja meta hadet tali fatt in konsiderazzjoni peress li l-istess rikorrent m`hu bl-ebda mod marbut b'xi termini perentorji.

"Il-Qorti tal-Appelli Kriminali rrimarkat ukoll li l-esponent bl-ebda mod ma gie ppregudikat bl-emenda in kwistjoni minhabba f`dak li jipprovdi l-proviso s-subartikolu wiehed (1) ta' l-artiklu 449 tal-Kodici kriminali li tawtorizza lill-Qorti tippermetti li l-imputat jaghmel eccezzjonijiet ulterjuri ghal raguni li tkun tqanqlet wara z-zmien.

"Anke hawn il-Qorti Kriminali kienet erronja ghall-ahhar peress li l-unika eccezzjoni li seta` jaghti l-esponent kienet wahda ta' indoli Kostituzzjonali li ma setghet qatt tigi indirizzata mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.

“Finalment il-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali rrimarkat fis-sens li l-emenda in ezami kienet ta’ natura purament procedurali u ghalhekk kellha applikazzjoni retroattiva.

“Bid-dovut rispett hawnhekk il-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali dahlet fil-mertu tal-lanjanza Kostituzzjonali u ddisponiet minnha bl-aktar mod legger.

“F`dan ir-rigward fil-fatt l-esponent ha l-isbriga jipprezenta nota ta’ referenzi kemm ta’ gurisprudenza tal-Qorti Ewropea kif ukoll nostrali in sostenn ta’ l-argumenti tieghu li tidher ma nghatatx il-piz li kienet timmerita.

“Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara:-

“1. Li l-applikabilita` retroattiva ta’ l-emenda fil-Kodici Kriminali ossia l-artiklu 636(3) tilledilu d-dritt fundamentali tieghu kif sancit taht l-artiklu 39(1)(8) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artiklu 6(1) u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

“2. Tordna li dan il-provvediment tal-ligi m`ghandux jigi applikabbli ghall-kaz odjern.

“3. Finalment, taghti kwalsiasi provvediment ulterjuri necessarju li jidhrilha opportun sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali u Kostituzzjonali ta’ l-esponent.

“Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li in forza taghha eccepixxa illi:

“Fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju qed tigi ssolevata l-eccezzjoni tal-frivolosita u vessatorjeta tar-rikors odjern;

“Dan l-istat ta’ fatt u cioe` li l-kwistjoni ssolevata mir-rikorrenti f`dan ir-rikors hija frivola u vessatorju gie rivendikat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali meta f`sentenza taghha datata 20 ta’ Novembru, 2008 ddikjarat li l-lanjanza kostituzzjonali ssolevata mir-rikorrenti kienet fil-fatt wahda frivola u vessatorja (sentenza tal-Onorabbli

Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta' Novembru, 2008 li qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument AG01);

"Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-fatt dwar jekk regola procedurali tistax ikollha effett retroattiv fil-konfront ta' proceduri kriminali;

"Huwa stabilit u huwa ben risaput illi regoli procedurali bhalma hi proprju r-regolament li qed jigi mpunjat mir-rikorrenti fil-kaz odjern huma regoli li jistghu jkollhom effett retroattiv;

"F`dan il-kuntest l-esponenti jixtieq jerga` jaghmel riferenza specifika propju ghas-sentenza li ghamlet riferenza ghaliha l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fuq riferita.

"Fis-sentenza, r-Repubblika ta' Malta vs Mahmud Ali Amber (App. Krim. 28/06/07) l-istess Qorti kellha dan x`tghid proprju dwar l-Artiklu li qed jigi lamentat mir-rikorrenti, u cioe` Subartiklu 3 tal-Artiklu 639 tal-Kodici Kriminali;

"*"Huwa car, ghalhekk, li l-principju tan-nonretroattivita` japplika biss ghad-dritt penali sostantiv u mhux ukoll ghal dak procedurali. Il-Qrati taghna kellhom diga` l-okkazzjoni li jepuraw dan il-punt, u l-linja li giet dejjem segwita hi li, bhala regola, id-dritt procedurali huwa ta' applikazzjoni immedjata, cioe` applikabbli anke ghall-proceduri li jkunu diga` gew istitwiti qabel il-bidu fis-sehh tal-"procedura" gdida ...'*

"L-istess Onorabbli Qorti fl-istess kaz kompliet hekk:

"***'M`hemm l-ebda dubju li s-subartiklu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali jifforma parti mid-dritt procedurali** (il-'bold' huwa tal-esponenti) u ghaldaqstant mhuwiex applikabbli l-principju tan-nonretroattivita ...'.*

"In oltre f`dan il-kaz, ta min jigi rilevat li l-istess rikorrenti accetta sa mill-bidu tal-proceduri mehuda fil-konfront tieghu, li l-istess regola kellha titqies bhala li kellha tkopri

ukoll l-kaz tieghu u b'ebda punt ma ssoleva eccezzjoni tan-natura li qed jissolleva odjernament f`dan il-kaz bhal ma kellu kull dritt li jaghmel a bazi tas-subartiklu 2 tal-Artiklu 438 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Minhabba f`hekk qed tigi sollevata in oltre l-eccezzjoni li r-rikors odjern huwa inammissibbli minhabba li ma gewx ezawriti r-rimedji ordinarji li kellu ghad-dispozizzjoni tieghu l-istess rikorrenti;

"Dan il-fatt gie ukoll rilevat sahansitra mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali meta l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet riferenza ghall-Artiklu msemmi qabel ma ddikjarat li s-sollevazzjoni tal-eccezzjoni bhal dik odjerna hija frivola u vessatorja;

"Ghar-ragunijiet premessi kif ukoll ghal kwalunkwe sottomissjoni jew prova ulterjuri li tista` tingieb quddiem din l-Onorabbli Qorti, qed jigi sottomess li dan r-rikors huwa inammissibbli u ghandu jigi ddikjarat tali minn din l-istess Qorti;

"Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad t-talbiet kif kontenuti fir-rikors promotur bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

"Rat l-atti tal-process kriminali (att ta' akkuza numru 13/2006) li ittiehdu fil-konfront tar-rikorrent;

"Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

"Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti;

"Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

"Ikkunsidrat;

"Illi fl-2003 ir-rikorrenti tressaq quddiem il-Qrati Kriminali akkuzat b'reati in konnessjoni ma` l-ispacc tad-droga eroina fil-perjodu ta' bejn Frar u April tal-istess 2003. Hu ghadda jury in konnessjoni ma` dawn ir-reati u b'verdett moghti fis-16 ta' Jannar, 2008, il-gurati sabu lir-rikorrenti

hati. Pendenti l-jury, u precisament fit-3 ta' Ottubru, 2006 dahlet in vigore l-emenda ghas-sub artikolu (3) tal-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali (introdotta bl-Att XVI tal-2006) li in forza taghha twarbet il-htiega ta' korroborazzjoni f`kaz li l-prova tar-reat kienet tikkonsisti fix-xhieda tal-komplici.

"Ir-rikorrent jilmenta li nonostante l-fatt li din l-emenda dahlet fis-sehh wara r-reati li hu gie akkuzat bihom, waqt il-jury tieghu, l-Imhallef li kien qed jippresjedi, iddiriga l-gurati fit-termini tal-artikolu 639(3) kif emendata. Dan ifisser, fil-fehma tar-rikorrenti, li din l-emenda inghatat effett retrottativ bi pregudizzju ghad-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-artikolu 39(1)(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-artikolu 6(1) u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

"Wara li ntemm il-jury u nstab hati kif inghad, ir-rikorrent appella mis-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Pendenti is-smiegh tal-appell, ir-rikorrenti, fid-9 ta' Settembru, 2008, ipprezenta rikors quddiem dik il-Qorti li permezz tieghu talab lil dik il-Qorti taghmel riferenza kostituzzjonali biex tigi mistharga l-allegazzjoni tieghu li l-applikabbilita` retroattiva tal-emenda ghall-artikolu 639 jilledi d-drittijiet fundamentali tieghu. Dik il-Qorti, b'decizjoni tal-20 ta' Novembru, 2008, filwaqt li ddikjarat li t-tqanqil tal-kwistjoni kostituzzjonali bir-rikors tad-9 ta' Settembru, 2008, hija semplicement frivola u vessatorja, cahdet it-talba.

"B'dawn il-proceduri, r-rikorrent issa qieghed jitlob lil din il-Qorti tezercita l-funzjoni kostituzzjonali taghha, u tiddikjara li meta l-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali, skond id-direzzjoni tal-Imhallef tal-jury, gie rez applikabbli retroattivament, gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu.

"Ghar-rigward r-retroattivita` ta' ligijiet penali, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza "Il-Pulizija vs Borg et", deciza fis-7 ta' Novembru, 1949, ghamlet studju interessanti dwar kif u meta emendi f`dispozizzjonijiet procedurali ghandhom japplikaw retroattivament, u fl-ahhar ghamlet din l-osservazzjoni:

"*"Din il-Qorti hi inklinata tadotta, kif qieghda tadotta, it-teorija eklettika propunjata minn Nypels (citat fix-Chaveau u Helie, nota 1 no. 56, pag. 21) mill-Merlin (Repertoire, v Effect Retroactif, sez. III, para 8) u mill-Crivellari (Il Codice Penale, Vol. I, pag. 125), fis-sens li kwantu ghall-kwistjoni tar-retroattivita` tal-ligijiet penali ta' procedura, jehtieg li wiehed jiddistingwi bejn dawk il-ligijiet li huma prettament procedurali, cioe` ta' vera u proprja` procedura, b'mod li jkunu fattur "ordinatorium litis" biss, u dawk li huma intimament konnessi mal-"fondo della causa", b'mod li jkunu fattur "decisorium litis". Dawk ta' l-ewwel japplikaw retroattivament; l-ohrajn ma ghandhomx dan l-effett"*.

"Aktar ricenti, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-Pulizija vs Faenza"¸deciza fis-7 ta' Jannar, 2005, osservat *"Ferm qabel ma kellna l-Kostituzzjoni ta' l-1964, u ghalhekk ukoll ferm qabel ma` Malta rratifikat il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna kienu japplikaw mhux biss ir-regola kontenuta fl-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali dwar it-tibdil fil-piena ghal reat partikolari, izda wkoll il-principju nullum crimen, nulla poena sine lege li minnu titnissel ir-regola konkomitanti tan-non-retroattivita` tad-dritt penali sostantiv. Dan il-principju llum jinsab kristallizzat fis-subartikolu (8) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea. Kif jispjegaw Ben Emmerson u Andrew Ashworth fil-ktieb taghhom Human Rights and Criminal Justice:*

"*"There are thus two closely connected principles underlying Article 7. The first is that the substantive criminal law should be sufficiently accessible and precise to enable an individual to know in advance whether his conduct is criminal; and the second is that developments of the criminal law by the courts (whether through the interpretation of statutory offences, or the development of common law offences) must be kept within the bounds of what is reasonable foreseeable"*.

*"Huwa car, ghalhekk, li l-principju tan-non-retroattivita` japplika biss ghad-dritt penali sostantiv u mhux ukoll ghal dak procedurali. Il-Qrati taghna kellhom diga` l-okkazzjoni*

*li jepuraw dan il-punt, u l-linja li giet dejjem segwita hi li, bhala regola, id-dritt procedurali huwa ta' applikazzjoni immedjata, cioe` applikabbli anke ghall-proceduri li jkunu diga` gew istitwiti qabel il-bidu fis-sehh tal-"procedura" gdida – ara, fost ohrajn, tnejn mis-sentenzi li ghalihom ghamel riferenza l-appellant Avukat Generali, u cioe` s-sentenza ta' din il-Qorti, kellegjalment komposta, tal-24 ta' Jannar, 1989, fl-ismijiet The Republic of Malta vs Ravi Ramani u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar, 1992, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Lawrence Cuschieri. Jinghad "bhala regola" ghax ma huwiex eskluz li jista` jkun hemm materji, apparentement procedurali, izda li tant direttament jincidu fuq jekk att jew ommissjoni jammontawx jew le ghal reat jew fuq il-punibbilita` ta' dak l-att jew ta' dik l-ommissjoni, li ghalihom ikun effettivament applikabbli wkoll il-principju tan-non-retroattivita`"*".

"Fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs Amber", deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Gunju, 2007 dik il-Qorti kellha titratta appuntu l-kwistjoni tar-retroattivita` o meno tal-imsemmi artikolu 639(3) u osservat a propositu illi:

"*"M`hemm l-ebda dubju li s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali jifforma parti mid-dritt procedurali u ghaldaqstant mhuwiex applikabbli l-principju tan-non-retroattivita`. Konsegwentement, anke fir-rigward ta' reati li sehhew qabel it-3 ta' Ottubru, 2006, fejn l-uniku xhud kontra akkuzat huwa komplici, illum l-Imhallef li jippresjedi l-guri ghandu jaghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xhieda tal-komplici b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha. Naturalment l-istess jghodd ghall-Qrati tal-Magistrati, fis-sens li l-korroborazzjoni mhix mehtiega aktar izda l-gudikant ghandu jipprocedi b'dik il-kawtela li l-kaz ikun jirrikjedi tenut kont tal-fatt li l-uniku xhud kontra l-akkuzat ikun il-komplici li jista` jkollu interess aktar minn haddiehor li jfarfar minn fuq spallejh ghal fuq spallejn l-akkuzat*".

"Din il-Qorti taqbel ma` dan l-insenjament, u tara li hawn si tratta minn retroattivita` ta' dispozizzjoni tal-ligi dwar kif issir il-prova ta' reat, u mhux ta' jekk l-att jew omissjoni

tammontax jew le ghal reat, jew dwar il-punibbilita` ta' dak l-att jew dik l-omissjoni.

"L-iskop tal-protezzjoni, kif jinghad fil-ktieb *"Theory and Practice of the European Convention of Human Rights"* ta' van Dijk et (4th Edit. 2006, pagna 654), huwa *"to avoid a criminal conviction being based on a legal norm of which the person concerned could not, or at least need not, have been aware of beforehand. This condition is satisfied if the individual may know from the wording of the relevant provision and if need be, from the relevant case-law, what acts or omissions will make him liable",* (sottolinear ta' din il-Qorti). Hu car, anke minn ezami tal-gurisprudenza ricenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li la l-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas il-Konvenzjoni Ewropea ma huma ta' ostakolu ghall-applikazzjoni b'mod retroattiv ta' regoli procedurali li jipprovdu dwar kif issir il-prova ta' dawk l-atti u omissjonijiet predeterminati bhala reati.

"F`dan il-kaz imbaghad, hemm cirkostanzi ohra partikolari li jimmilitaw kontra l-akkoljiment tat-tezi tar-rikorrenti. Dan qed jinghad ghax quddiem il-Qorti Kriminali li kienet qed tistharreg il-kaz tieghu, ir-rikorrenti ddikjara li jaqbel li l-pozizzjoni legali applikabbli ghall-kaz tieghu kienet l-emenda kontenuta fl-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali. Fil-fatt, fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru, 2006, fil-verbal gie registrat hekk:

*"Il-partijiet qablu li x-xhieda eventwali ta' Kucuk Melek u Kandemir Nilgum Meryem ma jaqghux taht il-provvediment tal-Artikolu 30A ghalkemm huma xhieda kompetenti u producibbli. In vista ta' dan il-qbil, Dr. Montaldo jirtira l-ewwel eccezzjoni".*

"*"Sar qbil ukoll bejn il-partijiet li d-*depozizzjon*ijiet ta' Kucuk Melek u Meryem Nilgum moghtija fl-inkjesta pero` konfermata minnhom fil-kumpilazzjoni huma ammissibbli pero` suggetti ghas-salvagwardji kontemplati fl-artikolu 639(3). In vista ta' dan il-qbil Dr. Montaldo jirtira t-tielet eccezzjoni"*.

“Meta gie appuntat il-jury, izda qabel ma ssejhu l-gurati, din il-kwistjoni regghet giet mqajjma u gie registrat dan il-verbal:

“*“Il-Qorti gibdet l-attenzjoni tad-difensuri ghall-fatt li jidher li kien hemm malintiz meta fis-seduta tat-30 ta’ Ottubru, 2006 gie verbalizzat illi l-partijiet qed jaqblu illi x-xhieda [recte: xiehda] eventwali ta’ Kucuk Melek u Kandelmir Nirgum Meriann ma jaqghux taht il-provvedimenti tal-artikolu 30A u dan ghaliex mill-ezami tal-istess artikolu jidher li m`hemm xejn x`josta li stqarrijiet konfermati bil-gurament minn dawn iz-zewg xhieda li kienu involuti f`reat taht din l-Ordinanza ikunu ammissibbli bhala prova.*

*“Il-prosekuzzjoni u d-difiza hadu notament ta’ din l-osservazzjoni u jaderixxu maghha u Dr. Montaldo jzid li l-probabilita` kienet illi l-partijiet kienu qed jirreferu ghall-artikolu 30 u mhux l-artikolu 30A”.*

*“F`kull kaz illum jirrikonoxxu li l-*pozizzjon*i legali hi, wara l-emendi recenti, li l-*pozizzjon*i ta’ ko-awturi jew komplici tax-xhieda ta’ dawn in-nies m`ghandhiex bzonn korroborazzjoni b’xi cirkostanza materjali imma l-Qorti trid twissi lill-gurati li jridu juzaw kawtela massima meta jkunu qeghdin jivvalotaw il-kredibbilita` ta’ tali xhieda”*.

“Ir-rikorrent jirrikonoxxi l-veracita` ta’ dan il-verbal u jghid li ma setax jaghmel mod iehor ghaliex dik kienet il-pozizzjoni legali mill-aspett tad-dritt penali; l-ilmenti tieghu issa jimergu solament minn indoli ta’ natura purament kostituzzjonali.

“Din il-Qorti assolutament ma taqbilx ma` dan il-kumment. Kif gia` intwera l-principju tan-non-retroattivita` ta’ ligijiet penali kien jigi applikat mill-Qrati taghna ferm qabel l-introduzzjoni fl-Ordinament Guridiku Malti tar-regoli specjali intizi ghall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u hu principju, kif qal Lord Mustill fil-kaz <u>“L`Office Cherifien des Phosphates vs Yamashita – Shinnihom Steamship Co. Ltd</u>”, deciza mill-House of Lords fl-Ingilterra fl-1994, *“the basis of the rule is no more than simple fairness”*

"Il-kwistjoni dwar jekk l-emenda fl-artikolu 639(3) tistax tinghata effett retroattiv, hija mhux biss ta' indoli kostituzzjonali, izda prattikament wahda anke penali, kif jidher mill-istudju li l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ghamlet fil-kawza deciza f`Novembru, tal-1949 li ghaliha gia saret riferenza minn din il-Qorti. Ir-rikorrenti kellu kull opportunita` jikkontesta l-applikazzjoni tal-emenda qabel ma beda is-smiegh tal-jury, u seta`, jekk ried, jekk id-decizjoni tmur kontra tieghu, jitlob f`dak l-istadju li ssir riferenza kostituzzjonali mill-Qorti Kriminali. F`dan il-kaz, ir-rikorrenti mhux biss ma qajjem ebda oggezzjoni, izda qabel u irrikonoxxa li l-emenda ghall-artikolu in kwistjoni kienet b'mod retroattiv tapplika ghal kaz tieghu. Din id-dikjarazzjoni hu ghamilha bla ebda rizervi, u la darba inkondizzjonatament ir-rikorrent accetta li s-subartikolu (3) tal-artikolu 639, kif emendat, ghandu jigi applikat fil-kaz tieghu, ma jistax aktar jilmenta mill-applikazzjoni tal-istess subartikolu.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors ta' Mario Borg billi tichad it-talbiet kollha tieghu.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mir-rikorrenti."

## L-APPELL TAR-RIKORRENT MARIO BORG

2.1. Ir-rikorrent Mario Borg hassu aggravat bis-sentenza riportata supra u interpona appell minnha fuq l-aggravju li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-fatti kif ukoll tal-ligi.

Ghalhekk l-appellant qieghed jitlob li din il-Qorti:
"thassar u tirrevoka s-sentenza … u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-intimat, takkolji t-talbiet (tar-)rikorrent bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellat."

2.2. L-aggravji tal-appellant jistghu in succint jigu migburin fis-segwenti lanjanzi:-

(i) li l-emenda fil-ligi introdotta fl-2006, ossija l-Artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) ma kellhiex tapplika fil-konfront tal-appellant.

Illi minkejja li l-emenda tinsab ikklassifikata fil-parti procedurali tal-Kodici Kriminali fir-realta` - trattandosi hawn ta' ligi dwar il-korroborazzjoni – hija istitut tal-ligi sostanzjali u mhux dak procedurali.

Isegwi ghalhekk li ma kellhiex tapplika retroattivament a detriment (f'dan il-kaz) tar-rikorrent, isostni l-appellant.

Ghalkemm huwa minnu ("palezi") li l-principju tan-non-retroattivita` m'huwiex rikonoxxut f'materja ta' procedura, "hemm eccezzjonijiet ghal dan il-principju meta l-emenda tkun tolqot is-sustanza tar-reita`".

(ii) li bil-maqlub ta' dak li gie ritenut mill-Qorti tal-ewwel grad, l-uniku mod li l-appellant kellu sabiex jimpunja l-applikabbilita` o meno tal-emenda fl-Artikolu 639(3) tal-kap. 9 surreferita kien permezz ta' azzjoni kostituzzjonali.

(iii) illi b'riferenza u in konsegwenza tal-verbal datat l-14 ta' Jannar 2008 u li fih id-difiza tar-rikorrent iddikjarat li kienet taqbel illi l-pozizzjoni legali applikabbli ghall-kaz kienet bl-emenda kontenuta bil-precitat art. 639(3) tal-Kap. 9, l-appellant jissottometti li b'daqstant huwa,

"bl-ebda mod ma kien qed jaccetta li din (l-emenda) kellha tkun reza applikabbli retroattivament."

Certament, imbaghad, ghandu jinghad li, trattandosi ta' rinunzja ta' drittijiet tal-appellant li jiggarantixxu smigh xieraq, tali rinunzja *se mai* kellha tkun cara u mhux wahda ekwivoka. Ma jistax jinghad f'dan il-kaz li kien hemm xi rinunzja inekwivoka ta' drittijiet min-naha ta' Mario Borg.

(iv) l-ewwel Qorti "donnha ddeklinat milli tezercita d-deskrizzjoni (recte: diskrezzjoni) Kostituzzjonali taghha fit-termini tal-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni minhabba li dehrilha li din il-vertenza setghet giet dibattuta quddiem il-Qorti Kriminali".

Dan hu kaz “serju” u li attwalment qieghed jattakka l-kostituzzjonalita` o meno tal-applikabbilita` b’mod retroattiv tal-Artiklu 639(3) tal-Kodici Kriminali li sa issa qatt ma gie ssindikat mill-ebda Qorti.

B’rizultat tal-emenda msemmija, l-appellant ma kien ghad baqghalu l-ebda rimedju effikaci ulterjuri x’javvanza, isostni l-istess appellant.

F’kull kaz, anke li kieku rimedju effettiv iehor kien ghad baqa’, xorta wahda ma hemm xejn x’jipprekludi lill-Qorti biex tissindika l-aggravju tieghu minn lenti kostituzzjonali, minflok illi taghzel li tiddeklina milli timbarka fuq tali ezercizzju.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-INTIMAT AVUKAT GENERALI GHALL-APPELL TA’ MARIO BORG</u>**

3. L-intimat appellat wiegeb li r-rikors ta’ appell ta’ Mario Borg ghandu jigi michud u li s-sentenza appellata kellha tigi kkonfermata fl-intier taghha.

L-appellat jaghmel riferenza ghall-kontenut tar-risposta tieghu quddiem l-ewwel Qorti ghar-rikors promotorju tal-appellant biex isahhah l-oppozizzjoni tieghu ghat-talba tal-appellant biex is-sentenza tal-ewwel Qorti tigi revokata. Dato l-manjiera inekwivoka li biha l-appellant ghazel li bla rizervi jaccetta li r-regoli procedurali applikabbli ghall-kaz tieghu kienu jinkorporaw ukoll fihom id-dispozittiv tal-Artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali; ma setax wara jqajjem ilment taht il-bixra ta’ lanjanza kostituzzjonali, kif qed jipprova jaghmel b’din il-procedura wara li kien gia` intentaha b’ezitu negattiv, quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, permezz ta’ talba ghal riferenza kostituzzjonali li giet respinta.

**<u>IL-FATTI SALJENTI TAL-*ITER* PROCESSWALI</u>**

4. Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tidderimi u tiddeciedi dwar l-appell tar-rikorrent Mario Borg, ikun utli li jinghata sfond fil-qosor tal-*iter* processwali tal-fatti tal-kaz,

tenut ukoll kont tal-fatt li sija fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel grad, hawn riportata, kif ukoll fir-rikors tal-appell tar-rikorrent, hemm espozizzjoni dettaljata ta' kif imxew l-atti tal-kawza kriminali fil-konfront ta' Mario Borg.

5. Is-sekwenza tal-fatti saljenti tal-kaz sehhew hekk: Fl-2003, Mario Borg tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja akkuzat b'reati in konnessjoni mal-ispacc tad-droga eroina tul il-perijodu ta' bejn Frar u l-15 ta' April 2003.

Wara l-gheluq tal-atti kumpilatorji, l-intimat appellat Avukat Generali, in data tal-11 ta' Settembru 2006, ressaq Att ta' Akkuza kontra l-imsemmi Mario Borg talli importa d-droga eroina, talli assocja ruhu ma' persuni ohrajn f'Malta kif ukoll ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika d-droga eroina u talli kellu l-pussess taghha.

Fit-3 ta' Ottubru, 2006, dahlet fis-sehh emenda fil-Kodici Kriminali (Kap. 9), jigifieri llum l-Artikolu 639(3) tal-istess Kodici, u dan kollu in forza tal-Att XVI/2006 li permezz tieghu bazikament tnehhiet il-htiega ta' korroborazzjoni ghal reati bhal dawk dedotti kontra l-appellant.

Il-guri tal-appellant gie appuntat ghas-smiegh fl-2006 quddiem il-Qorti Kriminali u fil-kors tieghu, fl-udjenza datata it-30 ta' Ottubru 2006, gie rregistrat *inter alia* l-verbal segwenti,
"Il-partijiet qablu li x-xiehda eventwali ta' Kucuk Melek u Kandemir Nigum Meryem ma jaqghux taht il-provvediment tal-Artiklu 30A ghalkemm huma xhieda kompetenti u producibbli. In vista ta' dan il-qbil, Dr. Montaldo jirtira l-ewwel eccezzjoni.

"Sar qbil ukoll bejn il-partijiet li d-depozizzjonijiet ta' Kucuk Melek u Meryem Nilgum moghtija fl-inkjesta pero` konfermat minnhom fil-kumpilazzjoni huma ammissibbli pero` suggetti ghas-salvagwardji kontemplati fl-Artikolu 639(3). In vista ta' dan il-qbil Dr. Montaldo jirtira t-tielet eccezzjoni."

Dawn id-dikjarazzjonijiet gew ghal darb'ohra msemmija bil-ghan li jikkjarifikaw mill-gdid fl-istadju ta' meta gew appuntati l-gurati, izda qabel ma gew imsejha biex jisimghu l-guri, b'verbal ulterjuri li kien ighid hekk:
"Il-Qorti gibdet l-attenzjoni tad-difensuri ghall-fatt li jidher li kien hemm malintiz meta fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2006 gie verbalizzat illi l-partijiet qed jaqblu illi x-xhieda (recte: xiehda) eventwali ta' Kucuk Melek u Kandelmir Nirgum Meriann (Sic) ma jaqghux taht il-provvedimenti tal-artikolu 30A u dan ghaliex mill-ezami tal-istess artikolu jidher li m'hemm xejn x'josta l-istqarrijiet konfermati bil-gurament minn dawn iz-zewg xhieda li kienu involuti f'reat taht din l-Ordinanza jkunu ammissibbli bhala prova.

"Il-prosekuzzjoni u d-difiza hadu notament ta' din l-osservazzjoni u jaderixxu maghha u Dr. Montaldo jzid li l-probabbilita` kienet illi l-partijiet kienu qed jirreferu ghall-Artikolu 30 u mhux l-Artikolu 30A.

"F'kull kaz illum jirrikonoxxu li l-pozizzjoni legali hi, wara l-emendi recenti, li l-pozizzjoni ta' ko-awturi jew komplici tax-xhieda ta' dawn in-nies m'ghandhiex bzonn korroborazzjoni b'xi cirkostanza materjali imma l-Qorti trid twissi lill-gurati li jridu juzaw kawtela massima meta jkunu qeghdin jivvalutaw il-kredibilita` ta' tali xhieda."

B'sentenza preliminarja moghtija fit-8 ta' Jannar 2007, il-Qorti Kriminali cahdet l-unika eccezzjoni preliminari li kienet ghadha mhux deciza u dan ukoll billi l-appellant kien irtira l-hames eccezzjonijiet l-ohrajn u l-process thalla *sine die* pendenti appell eventwali u f'kull kaz sakemm il-guri jkun wasal it-turn tieghu. Fil-fatt, Mario Borg appella mis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-8 ta' Jannar 2007 u b'sentenza moghtija din id-darba mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Mejju 2007, dik il-Qorti cahdet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata u l-atti gew rinvjati quddiem il-Qorti Kriminali. Il-guri gie mill-gdid riappuntat ghas-smigh ghall-14 ta' Jannar 2006 u b'sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Jannar 2008, l-imsemmi Mario Borg gie misjub hati taht diversi kapi tal-Att tal-Akkuza u gie kkundannat ghall-piena ta'

wiehed u ghoxrin (21) sena prigunerija, oltre hlas ta' multa u spejjez gudizzjarji varji.

Minn din is-sentenza, Mario Borg interpona appell. Fid-9 ta' Settembru 2009, Mario Borg ipprezenta rikors li permezz tieghu huwa talab li l-Qorti tal-Appell Kriminali taghmel ordni ta' riferenza kostituzzjonali ai termini tal-Artikoli 46(3) u 4(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta rispettivament.

B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Novembru 2008, dik il-Qorti ddikjarat li t-tqanqil tal-kwistjoni kostituzzjonali (min-naha ta' Mario Borg) bir-rikors tieghu tad-9 ta' Settembru 2008 hija semplicement frivola u vessatorja ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319, u ghalhekk cahdet it-talba tieghu sabiex issir riferenza lill-Prim Awla tal-Qorti Civili kif mitlub fl-istess rikors.

Fis-16 ta' Dicembru 2008, l-appellant Mario Borg intavola rikors iehor fejn talab is-soprasessjoni tal-Appell pendenti u l-ezitu finali tal-proceduri kostituzzjonali (dawk in dizamina) inizjati minnu u fil-11 ta' Frar 2009 ipprezenta nota li biha gab a konjizzjoni ta' dik il-Qorti li l-proceduri Kostituzzjonali minnu intavolati kienu jinsabu differiti ghas-sentenza ghall-24 ta' April 2009. B'digriet moghti fit-12 ta' Frar 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali – wara li ghamlet riferenza ghall-provvediment taghha tal-20 ta' Novembru 2008 kif ukoll ghall-verbal tal-20 ta' Novembru fejn dak l-Appell gie differit ghat-trattazzjoni fil-mertu – cahdet it-talba ghal fini ta' soprasessjoni.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6.1. Wara li rat u ezaminat l-atti kollha tal-kawza u semghet ukoll it-trattazzjoni ta' dan l-appell, din il-Qorti issa sejra tghaddi biex tiddelibera dwaru fil-mertu.

7. L-appellant qieghed jinvoka l-Artikoli 39(1) u (8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 6, sub-artikolu 1 u l-

Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.

(I) L-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jiddisponi hekk:
“Kull meta xi hadd ikun akkuzat b’reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’ligi”.

(II) L-Artikolu 39(8), imbaghad, jiddisponi li gej,
“Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta’ reat kriminali minhabba f’xi att jew omissjoni li fil-hin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bhal dak kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-oghla piena li setghet tigi imposta ghal dak ir-reat fiz-zmien meta jkun gie maghmul”.

6.2. Ghal dak li jikkoncerna l-Konvenzjoni Ewropea surreferita gew citati l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7.

(I) l-Artikolu 6(1) jiddisponi hekk:-
“Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta’ xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragjonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi. Is-sentenza ghandha tinghata publikament izda l-istampa u l-pubbliku jista’ jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f’socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f’cirkostanzi specjali meta l-pubblicita` tista’ tippregudika l-interessi tal-gustizzja.

(II) L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni jiddisponi hekk:
7(1) “Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta’ reat kriminali minhabba f’xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar.

(2) Dan l-Artikolu ma ghandux jippregudika l-proceduri u l-applikazzjoni tal-piena ta’ xi persuna ghal xi att jew ommissjoni li, fiz-zmien meta jkun sar, kien kriminali skond il-principji generali tal-ligi rikonoxxuti min-nazzjonijiet civilizzati.”

8. Kif rajna, dak li wassal ghal din il-procedura kienet l-introduzzjoni fil-Kodici Kriminali (Kap. 9) ta’ emenda fil-ligi u li giet inkorporata fl-istess Kodici bhala l-Artikolu 639(3). Ghandu jigi rilevat li fil-korp tat-talbiet tieghu fir-rikors promotorju l-appellant Borg evidentement bi zvista, jiccita l-Artikolu 636(3) u mhux l-Artikolu 639((3), izda kif sufficjentement jirrizulta mill-korp tar-rikors, l-artiklu impunjat huwa proprju l-ahhar wiehed citat. Dan l-artiklu li dahal fis-sehh proprju fil-pendenza tal-guri ta’ Mario Borg, jiddisponi hekk:

Artikolu 639(3): “Meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema’ quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xhieda li dak ix-xhud jaghti b’kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat.”

9. Fl-aggravji tieghu l-appellant qieghed jillanja mill-fatt li bl-applikazzjoni retroattiva ta’ dan l-artiklu fil-ligi kriminali, kif emandat, huwa ma nghatax smigh xieraq anzi jissottometti li b’applikabbilita` retroattiva huwa gie ppregudikat “bil-kbir” ghax fejn qabel ix-xhieda prodotta min-naha tal-prosekuzzjoni kellha tigi kkoroborata, issa bl-emenda li giet “in vigore” tali htiega ta’ korroborazzjoni giet eliminata. Ghalhekk gara, ighid l-appellant li, filwaqt li huwa kien qieghed jistrada d-difiza tieghu fuq il-pozizzjoni legali vigenti f’dak iz-zmien” issa dan ma baqax possibbli, anzi jzid li “bl-ebda mod ragjonevoli ma kien previst li ser titbiddel il-pozizzjoni legali”.

10. L-ewwel lanjanza tal-appellant hija li l-emenda *de quo* ma kellhiex tigi applikata fil-konfront tieghu. Filwaqt li huwa jirrikonoxxi li l-principju tan-non-retroattivita` ma jestendix ghal dik il-parti tal-ligi li tkun ta’ natura procedurali, anzi jghid li tali norma dottrinali hija wahda “palezi”, fl-istess nifs izid li din ir-regola mhix wahda

assoluta imma hemm, invece, eccezzjonijiet ghaliha. Hekk, huwa jissottometti li ghalkemm "l-istitut tal-korroborazzjoni" (sic) gie inkorporat fil-parti procedurali tal-Kodici Kriminali, madankollu "din hija istitut tal-ligi sostanzjali" u bhala analogija l-appellant fost ohrajn isemmu l-istatut tal-preskrizzjoni.

11. Issa fil-fehma ta' din il-Qorti ghalkemm huwa minnu li l-istitut tal-preskrizzjoni huwa meqjus fid-dottrina legali bhala wiehed li jappartjeni ghal-ligi sostantiva fis-sens li m'huwiex merament ta' indole procedurali, mhux l-istess jista' jinghad ghall-htiega o meno ta' korroborazzjoni bhala rekwizit ghal fini ta' prova fi process kriminali. Il-preskrizzjoni, fi kliem iehor, m'ghandhiex x'taqsam mar-regoli, it-thaddim jew il-forom procedurali li ghandhom iservu biex fuqhom jimxu l-partijiet fi procedura kriminali bhal ma huwa guri imma hija istitut relatat mal-amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-pozizzjoni giet abilment esposta mill-illustri Professur Anthony Mamo (ara Mamo Notes on Criminal Procedure, R U M, pp. 53-54) b'dan il-mod:

"The reason is that, although in our Code prescription is dealt with in part Second, which deals with Criminal Procedure, it is nevertheless, in its essence, and practical operation really an institute of substantive and not of objective law: it relates to the process or form of the proceedings but to their very purpose and subject-matter, it concerns the ends which the administration of criminal justice seeks not the means and instruments by which those ends are to be attained."

Il-htiega o meno ta' korroborazzjoni tifforma invece parti integrali mar-rekwiziti li huma prettament ta' natura procedurali, jigifieri "the means and instruments by which those ends (i.e. 'the administration of criminal justice') are to be attained". L-appellant ghandu dritt li ma jikkondividix necessarjament din l-interpretazzjoni imma din il-Qorti ma tahsibhiex bhalu. U, in propozitu, tajjeb li tigi riprodotta silta ohra minn dak li jghallem il-Professur Mamo (ibid) ghaliex din ghandha wkoll rilevanza in materja, jigifieri li,

"Therefore, (while) the general rule remains that a new law of procedure in so far as it regulates the form of the

the proceedings or the competence or jurisdiction of the courts operates retrospectively so as to cover also procedings in respect of offences committed under the old law, and this whether the new law does not operate retrospectively unless it is in fact more favourable to the defendant … … …”. (Solttolinear tal-Qorti).

Il-preskrizzjoni effettivament ghandha l-qawwa li toqtol l-azzjoni kriminali u fil-kamp kriminali hija ghalhekk ukoll sollevabbli *ex ufficio*. Ir-regoli dwar il-htiega o meno ta' korroborazzjoni bhala parti mir-regoli procedurali dwar il-grad u mod ta' prova fil-kamp kriminali m'ghandha x'taqsam xejn ma' dan kollu. Ghalhekk il-kazistika citata mill-abili patrocinant legali tal-appellant dwar preskrizzjoni ghandha ftit li xejn rilevanza ghall-kaz in ezami.

12. Fir-rikors tal-appell tieghu, l-appellant jaghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali in re: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mahmoud Ali Amber**, fit-28 ta' Gunju 2003, biex jiddimostra l-punt tieghu “illi b'analogija, ghandu jinghad ukoll li bl-istess mod din l-emenda ppregudikat id-dritt tas-smigh xieraq tieghu. Fl-ewwel lok, jigi osservat li l-fattispecje ta' bejn kaz u iehor ma kinux identici imqar jekk kien hemm involuta l-applikazzjoni tal-emenda in dizamina. Fil-kaz ta' M.A. Amber jirrizulta li, meta gie celebrat il-guri, is-sub-artikolu 3 tal-art. 639 tal-Kap. 9 kien ghadu kif kien qabel gie sostitwit fl-2006; filwaqt li fil-kaz sotto-ezami l-guri kien ghadu pendenti”.

13. L-appellant jillanja mill-fatt li bl-applikazzjoni tal-emenda b'mod retroattiv, id-difiza tieghu giet affettwata “bil-kbir” u ma kellux rimedju effikaci biex jikkumabattiha.

Din il-Qorti, wara li hadet debitu kont ta' dak li gie sottomess mill-partijiet, hija tal-fehma li l-mod kif esprimiet ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha tal-20 ta' Novembru 2008, in propozitu, kien il-mod korrett u hija tikkondividieh pjenament, jigifieri li f'dan il-kaz jirrizulta, illi:
“Mhux biss kien hemm l-adezjoni shiha tal-akkuzat – u dan sa mit-30 ta' Ottubru 2006 – li ghall-kaz tieghu kien applikabbli s-subartikolu (3) tal-Artikolu 639, izda wara li

nbidel dan is-subartikolu b'effett mit-3 ta' Ottubru 2006 l-akkuzat seta', kieku ried, jissolleva eccezzjonijiet ohra proprju minhabba dan it-tibdil anke wara z-zmien moghti fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 438 tal-Kodici Kriminali, u dana b'applikazzjoni tad-dispozizzjoni kontenuta fil-proviso tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 449: 'Izda l-qorti tista' tawtorizza li jinghataw dawk l-eccezzjonijiet ghal raguni li tkun inqaghlet wara z-zmien li fih in-nota msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 438 ghandha tigi pprezentata fir-registru tal-Qorti."

Bil-maqlub ta' dak li jrid jaghti wiehed x'jifhem l-appellant, il-verbali li saru quddiem il-Qorti Kriminali mill-partijiet kollha, kompriza d-difiza, fit-30 ta' Ottubru 2006 u fl-14 ta' Jannar 2008, ma kinux jammontaw ghas-semplici konstatazzjoni dikjarata dwar il-ligi applikabbli ghall-kaz f'dak il-mument partikolari, kompriza allura ir-retroattivita` imma kien hemm di piu` l-adezjoni cara u inekwivoka tal-akkuzat, debitament assistit. Issa li kieku, ghall-grazzja tal-argument, fil-mument li saru l-imsemmija verbali, l-akkuzat Mario Borg wera li huwa kien qieghed jissokkombi jew jaderixxi ghal dan l-istat ta' fatt ghax ma setax jaghmel mod iehor u kien fi hsiebu jikkontesta kostituzzjonalment il-validita` tal-istess emenda, allura seta' possibilment gara li l-kaz tieghu ha zvolta differenti. Li hu zgur hu li l-appellant naqas milli jaghmel uzu mir-rimedju li l-ligi stess kienet tipprovdilu ai termini tal-Artiklu 438(2) u l-Artiklu 449(1) tal-Kap. 9. In-nuqqas tal-appellant milli jipprevalixxi ruhu mill-fakolta` li jressaq eccezzjonijiet ohrajn "in proprio difesa" in vista tal-emenda *de quo* ma kienx dovut ghal xi "lapsus" min-naha tieghu imma jidher li kien konformi ghal kollox mal-fatt li l-appellant ghazel it-triq li jitkomplew il-proceduri mibdijin kontrieh inkondizzjonatament. Ma huwiex kwindi ghal kollox korrett l-appellant meta jallega li huwa gie f'pozizzjoni li minnha ma setax jiddifendi ruhu adegwatament. Huwa minnu li bl-emenda seta' kien li l-linja difensjonali originali tieghu setghet giet milquta negattivament imma huwa kien ghadu f'pozizzjoni li jitlob lill-Qorti Kriminali biex jinghata l-opportunita` li jqis mill-gdid id-difiza tieghu fic-cirkostanzi, imma jidher li volutament l-appellant ma hassx li jaqbad dan il-binarju.

Bil-kontra allura ta' dak li argumenta l-appellant, dak li gie ritenut fl-Appell Kriminali in re: **Repubblika ta' Malta v. Amber** surreferit, il-pozizzjoni legali stabbilita u segwita minn dawn il-Qrati f'materja kriminali u partikolarment fi procedura bhax-xorta mehuda kontra l-appellant hija li:
"Huwa car, (ghalhekk), li l-principju tan-nonretroattivita` japplika biss ghad-dritt penali sostantiv u mhux ukoll ghal dak procedurali. Il-Qrati taghna kellhom diga` l-okkazjoni li jepuraw dan il-punt, u l-linja li giet dejjem segwita hi li, bhala regola, id-dritt procedurali huwa ta' applikazzjoni immedjata, cioe` applikabbli anke ghall-proceduri li jkunu diga` gew istitwiti qabel il-biduy fis-sehh tal-'procedura' gdida …".

Ben konxju ta' din il-pozizzjoni, l-abili difensur tal-appellant jipprova jsib refugju billi jiehu spunt minn decizjoni moghtija fis-7 ta' Novembru 1949 mill-Qorti Kriminali (fi grad ta' appell) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Marietta Borg** in kwantu gie hemm ritenut li:
"Il-principju illi d-dispozizzjonijiet ta' procedura japplikaw daqshekk generiku assolut, f'materja penali, li jista' jinghad li dawk il-ligijiet japplikaw retroattivament bla kwistjoni ta' xejn; imma ghandhom din l-applikazzjoni retroattiva dawk il-ligijiet penali ta' procedura li huma prettament procedurali biss, u mhux ukoll dawk li huma intimament konnessi mal-meritu tal-kawza. Dawn ta' l-ahhar m'ghandhomx dan l-effett retroattiv."

Illi apparti li minn dakinhar sal-lum inghataw u baqghu jinghataw diversi decizjonijiet li komplew jaghtu izjed dawl fuq din il-materja (hekk ara s-sentenzi gia` citati mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-20 ta' Novembru 2008 fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v. Mario Borg**, jigifieri **Repubblika ta' Malta v. Amber** surreferita, kif ukoll **Il-Pulizija v. Lewis Cordina**, Appell Kriminali 21 ta' Jannar 2005), din il-Qorti hija tal-fehma li, minn punto di vista legali, regola li ghandha x'taqsam purament <u>ma kif issir il-prova</u> m'ghandha titqies qatt bhala wahda li hija "intimament konnessa mal-mertu tal-kawza," kif qieghed, zbaljatament, bir-rispett kollu, jikkontendi u jippretendi l-appellant. Kwantu ghal dak il-fattur li ghandu jiddistingwi jekk ligi hijiex wahda ta' natura sostantiva jew inkella

proceduralі, il-Qorti tal-ewwel grad stess, b’mod konciz imma approfondit, hadet il-briga li taghmel riferenza ghal sentenza ohra li tmur lura ghas-sena 1949 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Borg et** fejn fiha jinghad illi:
“Kwantu ghall-kwistjoni tar-retroattivita` tal-ligijiet penali ta’ procedura, jehtieg li wiehed jiddistingwi bejn dawk il-ligijiet li huma prettament procedurali, cioe` ta’ vera u proprja procedura, b’mod li jkun fattur *ordinatorium litis* biss, u dawk li huma intimament konnessi mal-‘fondo della causa’, b’mod li jkunu fattur *decisorium litis*. Dawk tal-ewwel japplikaw retroattivament; l-ohrajn ma ghndhomx dan l-effett”.

14. Kif gia` nghad, huwa wkoll previdibbli li emenda procedurali b’applikabbilita` retroattiva tista’ taghti lok biex id-difiza, fi procedura kriminali, tigi skossa avversament imma sakemm ikun hemm regoli ohrajn fil-ligi tal-procedura li joffru rimedju, allura ma jistax jigi argomentat li kull possibbilita` ta’ adegwatezza ghad-difiza tkun giet reza impossibbli. Anzi, huwa proprju ghalhekk ukoll, u fl-interess suprem tal-amministrazzjoni tal-gustizzja li f’kazijiet bhax-xorta li sab ruhu fih l-appellant, l-Imhallef li jippresjedi l-guri ghandu jaghti direttiva lill-gurati sabiex dawn jiznu x-xiehda tal-komplici b’kawtela qabel ma jserrhu fuqha, liema direzzjoni effettivament tissemma’ *expressis verbis* fil-verbal tal-14 ta’ Jannar 2008 quddiem il-Qorti Kriminali fis-sens li:
“… il-Qorti trid twissi lill-gurati li jridu juzaw <u>kawtela massima</u> meta jkunu qeghdin jivvalutaw il-kredibilita` ta’ tali xhieda”.

Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-ligi procedurali kienet toffri mizuri adegwati ghad-difiza fis-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha fil-pendenza tal-guri. Hija kienet ghal kollox konsapevoli minn dan u ghazlet, inkondizzjonatament, li tkompli ghaddejja bil-proceduri kif emendati. Ghalhekk din il-Qorti, bhal dik ta’ qabilha, ma tirraviza ebda lezjoni la ta’ natura kostituzzjonali u lanqas konvenzjonali kif jillanja l-appellant.

15. Fid-19 ta’ Jannar 2009, l-appellant ipprezenta nota ta’ riferenzi (ara fol. 13 fl-atti tal-appell) biex isahhah l-

aggravji tieghu. Minbarra d-decizjoni moghtija lokalment in re: **Il-Pulizija v. Marietta Borg** tas-7 ta' Novembru 1949, li ghaliha diga` saret riferenza, l-appellant irrefera ghal tlett decizjonijiet moghtijin mill-Qorti Europea ghad-drittijiet tal-Bniedem ta' Strasbourg, jigifieri,

(i) **Welch v. The United Kingdom** (17440/90), 9/02/1995
(ii) **Korbely v. Hungary** (9174/02), 19/09/20008
(iii) **Konono** (sic) **v. Latvia** (36376/04), 24 ta' Lulju 2008.

Ikun utli ghalhekk li jsir debitu accenn ghal dawn ir-riferenzi bl-iskop li jigi mistharreg jekk dawn jincidux jew le fuq il-mertu tal-appell kif qed jigi sottomess mill-appellant.

16. Il-kaz **Welch v. The United Kingdom** (1995) kien jirrigwarda akkuzi ta' importazzjoni lejn ir-Renju Unit u pussess tad-droga eroina. L-akkuzat Welch gie misjub hati u fost il-piena kien hemm ordni ta' konfiska. Welch ikkontenda quddiem il-Qorti ta' Strasbourg li dina l-ordni ta' konfiska kienet tammonta ghal impozizzjoni retroattiva ta' piena ta' natura kriminali bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni in kwantu giet applikata kontrih retroattivament. L-awtoritajiet Inglizi wiegbu li non si trattava ta' piena imma att reparattiv. Il-Qorti ta' Strasbourg sabet vjolazzjoni in kwantu hawn si trattava ta' <u>impozizzjoni ta' piena</u> (u mhux att ta' reparazzjoni) b'mod retroattiv – *nullam poena sine lege*.

Apparti l-fattispecje partikolari tal-kaz, hawn kjarament si trattava ta' piena applikata b'mod retroattiv. Darba li l-Qorti ta' Strasbourg ikkwalifikat l-ordni tal-konfiska bhala piena, din ma setghetx tinghata effett retroattiv. Tali materja pero` ma ghandha assolutament x'taqsam xejn ma' regoli dwar proceduri applikabbli f'kaz li ghadu *sub judice* bhalma kien proprju l-kaz tal-appellant Mario Borg.

17. Il-kaz l-iehor, **Korbely v. Hungary** (2008), jirrigwarda allegazzjoni minn ex-Kaptan fl-armata Ungeriza li s-sejba ta' htija minn Qrati ta' pajjizu fuq akkuzi relatati ma' azzjonijiet tieghu waqt ir-Rivoluzzjoni Ungeriza tal-1956 kienet tilledi l-Artikoli 6 u 7 tal-konvenzjoni

Europea ghad-Drittijiet tal-Bniedem peress li huwa kien jikkontendi li fiz-zmien tal-allegati reati, dawn ma kenux meqjusin bhala reati. Tqajmu zewg punti ta' indole legali, jigifieri jekk l-agir tal-akkuzat kienx, taht il-ligi internazzjonali, jammonta ghal att *hostis humani generis* u li allura kellu dejjem jitqies bhala reat u jekk, fit-tieni lok, kienx preskritt.

Kjarament dan il-kaz ma ghandu ebda importanza ghall-appell in dizamina. Il-punti sollevati mill-appellant Mario Borg <u>ma jirrigwardawx l-ligi sostantivi</u>. Diga` rajna li materja dwar preskrizzjoni tolqot il-ligi sostantiva ghaliex kapaci toqtol l-azzjoni kriminali mentri regola dwar il-htiega o meno ta' korroborazzjoni fi process kriminali hija materja ta' procedura. Lanqas ma huwa punt kontestat li r-reati li bihom gie akkuzat l-appellant Mario Borg fil-kaz in ezami, ma kenux hekk meqjusin fil-perijodu li dawn allegatament kienu gew kommessi.

Ghalhekk lanqas din it-tieni citazzjoni ma hija ta' rilevanza.

18. Fil-kaz **Kononov v. Latvia** (2008), l-applikant Kononov (u mhux Konono) ilmenta minn vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea in kwantu jallega li huwa safa' vittma tal-applikazzjoni retroattiva tal-<u>istitut tal-preskrizzjoni</u> fil-Kodici Penali tal-Latvia. In partikolari, huwa ssottometta li l-atti (meqjusa mill-Qorti Kriminali bhala krimini tal-gwerra) kommessi minnu ma kenux jikkostitwixxu, fiz-zmien li saru, jigifieri fl-1944, reati kriminali la taht il-ligi domestika ta' pajjizu u lanqas taht il-ligi internazzjonali.

Apparti l-fattispecje partikolari tal-kaz, hawn si trattava ta' kwistjoni relatata ma' materja dwar preskrizzjoni, u *di piu* fuq allegazzjoni li r-reati li bih gie akkuzat l-applikant – materja <u>sostantiva</u> ghall-ahhar u mhux allura wahda procedurali – lanqas kienu jammontaw ghal reati fiz-zmien meta gew konnessi. Kwindi dan il-kaz ma jiggjova xejn lill-appell interpost minn Mario Borg. Jinghad ukoll li ghalkemm kien hemm sejbien ta' vjolazzjoni tal-artikolu 7 f'dan il-kaz mill-Qorti ta' Strasbourg, jirrizulta li fih kien hemm ukoll numru ta' "dissenting judgments" ta' certa

importanza li ma qablux ma' dak li ddecidiet il-maggoranza. Tajjeb ukoll li jigi pprecizat li dan il-kaz gie riferit lill-Grand Chamber tal-Qorti ta' Strasbourg f'Jannar 2009 u ghadha mistennija sentenza finali dwaru.

F'kull kaz pero`, bhaz-zewg decizjonijiet precedenti li ghalihom diga` sar accenn minn din il-Qorti, ma jidhirx li dan il-kaz jippresta xi utilita` ghall-appell in dizamina.

19. Finalment, l-appellant Mario Borg jinsisti li huwa, f'kull kaz, ghandu dejjem id-dritt li jitlob li l-aspett legali tal-aggravji tieghu jigu mistharrga minn ottika purament ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali u mhux minn lenti stretta u cirkoskritta ghal-ligi kriminali. Ighid, anzi, li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet "superficjali", "zbaljata" jew "mghaggla wisq" biex tiddisponi mit-talba tieghu ghal riferenza quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, talba li giet ingustament respinta. Jillanja wkoll mill-fatt li, skond hu, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddeklinat jew "donnha ddeklinat" milli tikkunsidra l-ilment tieghu mil-lenti kostituzzjonali". Fi kliem iehor, l-appellant jissottometti li dawn il-Qrati gew invitati biex jistabbilixxu jekk regola dwar kif jigu kondotti l-provi u xi provi huma rikjesti ghas-sejbien o meno ta' htija jistghux validament ikollhom effett retroattiv, *multo magis* meta, bhal fil-kaz ta' Mario Borg, il-proceduri kriminali jkunu gia` inizjati.

20. Din il-Qorti fl-ewwel lok tibda billi tosserva li fir-rigward ta' dak li sar u gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali waqt is-smigh tal-appell ta' Mario Borg, hija ma rravizat xejn superficjali jew skorrett. Koncizjoni ta' hsieb u motivazzjoni f'decizjoni huma ben differenti minn superficjalita`. Fir-rigward imbaghad tal-operat tal-Qorti tal-ewwel grad, la jirrizulta li din "iddeklinat" milli tindaga l-aspetti kostituzzjonali tal-kaz li kellha quddiemha u lanqas "donnha ddeklinat" (sic) kif jargomenta l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu. L-appellant lanqas jaghraf jghid jekk, bhala fatt, il-Prim Awla tal-Qorti ddeklinatx jew le milli tieghu konjizzjoni tal-lanjanzi tieghu kostituzzjonali u/jew konvenzjonali. Ghalhekk huwa juza l-espressjoni sibillina "donnha ddeklinat". Fir-realta` pero`, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti m'ghamlet xejn minn dak li qieghed

iressaq bhala konstatazzjoni soggettiva l-istess appellant. Bil-maqlub ta' dak argumentat mill-appellant, l-ewwel Qorti, b'mod garbat u proceduralment korrett, rat x'inhija l-pozizzjoni domestika b'riferenza ghal-ligi kriminali tal-pajjiz kif temani mil-ligi u kif inhija interpretata u applikata mill-Qrati, u wara li ghamlet dan l-ezercizzju kkonkludiet li l-aggravji sollevati mill-appellant Mario Borg fir-rikors promotorju kienu bla bazi u konsegwentement infondati.

L-appellant evidentement ghadu sa issa jinsisti li emenda ta' natura procedurali konnessa mal-istitut tal-korroborazzjoni fi process kriminali u fil-pendenza ta' proceduri kriminali gia` "in corso", m'ghandhom qatt ikollhom applikazzjoni u effett retroattiv. Din il-Qorti gia` esprimiet ruhha fis-sens li dan ir-ragjonament, trattandosi hawn ta' regola ta' natura procedurali u mhux sostantiva, huwa zbaljat. Dan huwa maggorment hekk meta d-difiza kienet ghadha fi stat li titlob lill-Qorti Kriminali biex fic-cirkostanzi hija tirrevedi l-pozizzjoni taghha in vista tal-emenda u meta inoltre bhal ma jirrizulta li gara fil-kaz in dizamina, l-akkuzat accetta tali pozizzjoni inkondizzjonatament, ta' lanqas sal-mument li l-kaz tieghu kien gia` wasal fi stadju ta' appell. L-emenda fil-procedura kriminali kif temergi mill-Artikolu 639(3) kienet wahda ta' applikazzjoni generali u "across the board" u bl-ebda mod ma jista' jinghad li kienet xi regola koncepita *ad hominem* biex tolqot persuna wahda partikolari. Id-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Kriminali, mill-Qorti tal-Appell Kriminali u mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) kienu kollha konformi mal-interpretazzoni normali li kienet ilha hekk stabbilita ghal ghexieren ta' snin u l-appellant, debitament assistit, kien pjenament konxju ta' din il-pozizzjoni llegali.

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-aggravji kollha tal-appellant huma infondati u qeghdin jigu respinti.

Ghal din ir-raguni, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma pjenament is-sentenza appellata, tichad l-appell tal-appellant Mario Borg bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------